# IL-BUKKETT TAR-RGHAJ:

## L-ISTORJA TAL-PRINCIPESSA LI TGHALLMET TGHID JEKK JOGHGBOK.

### HRAFA MIC-CEKOSLOVAKKJA.



Meta bint r-re waslet biex tizzewweg, missierha stieden lill-princpijiet kollha ta' l-inhawi biex jigu u jaghmlulha zjara.

Wiehed minn dawn billi ried jaraha qabel l-ohrajn, libes ta' rghaj u telaq lejn ir-renju fejn kienet toqghod il-principessa u mieghu ha biss erba' hobziet.

Imma ma kienx tbieghdet wisq li ma iltaqax ma' tallab li talbu bicca hobz u l-princep billi kien ta' qalb tajba tah wahda mill-erba' li kellu. U hekk ghamel ma' tlett tallaba ohra li iltaqa' maghhom fil-vjagg tieghu.

Ir-raba’ tallab qallu: “ Ja princep liebes ta’ rghaj, il-karita’ tieghek ser tkun ippremjata u ghal kull att ta’ karita’ inti ser tircievi premju. Hu din il-frosta u lil kull minn tmiss biha hija ghandha s-setgha li tnehhilu hajtu. Hu wkoll din il-horga li fiha issib ftit hobz u gobon li tiekol kemm tiekol minnhom qatt ma jispiccaw. Hawn ghandek ukoll mannara li jekk qatt xi darba thalli n-nghag wahedhom, il-merhla tirgha’ madwarha hekk kif  inti twahhalha ma’ l-art. U ta’ l-ahhar: hu din il-fifra tar-rghajja li malli tonfoh fiha n-nghag jibdew jizfnu u jilghabu. Sahhiet habib u l-fortuna mieghek.”

“Jisimni Yan,” qallu l-princep mibdul f’rghaj, meta pprezenta ruhu quddiem ir-re u nkina quddiemu bhal sinjal ta’ rispett. Yan qallu li qed ifittex xoghol ta’ rghaj. Ir-re ghogbitu d-dehra taz-zaghzugh u l-ghada Yan ha l-merhla tar-re tirgha fuq il-muntanja.



Il-Princep Yan

Huwa wahhal il-mannara f'nofs il-mergha u halla n-nghag jirghu madwarha. Imbaghad erhilha lejn il-foresta. Hemm ma damx ma sab kastell fejn ggant kien qed isajjar il-pranzu tieghu f'borma kbira.



"Il-jum it-tajjeb," sellimlu Yan bl-edukazzjoni kollha.

Il-ggant kien bniedem goff minghajr ebda manjieri. Qallu; "Ma indunx ma nizbarazzak minn nofs u nieklok."

Yan induna bil-hsieb tal-ggant li refa' bicca hadida biex biha jtih daqqa, imma Yan bil-frosta magika kemm mesSu u l-ggant waqa' mejjet.

L-ghada Yan irritorna lejn il-kastell u hemm sab li ggant iehor kien ha postu.

Meta nduna bih il-ggant wissieh li ser jotqlu ghaliex il-jum ta' qabel kien qatel lil huh.

Huwa refa’ il-bicca hadida biex biha jaghti daqqa lil Yan, izda Yan messu bil-frosta u l-ggant waqa’ mejjet fl-art.

Meta l-ghada Yan rritorna lura fil-kastell sab li ma kien hemm ebda ggant iehor u qaghad jdur il-kastell. F’wahda mill-kmamar sab kaxxa kbira.



Hekk kif gholla l-ghatu minnha hargu zewgt irgiel kollhom muskoli u nkinaw quddiemu.

Qalulu: “ X’jrid minna sid il-kastell?”

“Dawruni l-kastell kollha biex nara x’fih,” ordnalhom Yan.

Iz-zewg qaddejja dawruh kif xtaq u wreh kull haga – gojelleriji, tezori, deheb u fidda. Harguh anke fil-gonna tal-kastell fejn kien jikbru l-isbha fjuri fid-dinja. Yan qata' ftit minnhom u ghamilhom forma ta' bukkett.

Meta wara nofsinhar kien qed jirritorna lejn il-palazz bil-merhla, Yan daqq il-fifra u n-nghag bdew jizfnu tnejn tnejn u jduru madwaru. Il-villagg kollu tista' tghid hareg biex jara haga bhal din u lkoll dahqu u capcpu ghal dak li kienu xiehda tieghu.

Il-principessa harget ukoll tara din ix-xena. Ir-rih gabilha riha tfuh tal-bukett tal-fjuri li Yan kien qed igorr. Malajr sejhet lill-qaddeja taghha u talbithom: " Morru ghand dak ir-rghaj u ghidulu li l-principessa tixtieq dak il-bukkett tal-fjuri."

Ir-rghaj wegibhom: " Ghidu lis-Sinjura taghkom li min irid dan il-bukkett jehtiglu jigu hu u jghid, Yan jekk joghgbok aghtini dak il-bukkett tal-fjuri."

"Meta l-principessa semghet dan qalet: " Kemm hu stramb dan ir-rghaj. Milli qed nara irrid immur jiena hdejh u nitlobulhu."

Resqet lejh u qaltlu: "Yan aghtini dak il-bukkett."

Yan xengel rasu u qalilha: “ Min irid dan il-bukkett irid jghidli, Yan jekk joghgbok aghtini dak il-bukkett.”

Il-principessa kienet tifla ferrihija, dahqet u qaltlu: “Yan, jekk joghgbok aghtini dak il-bukkett.”

Yan tahulha mill-ewwel u hija rringrazzjatu.

L-ghada Yan ghamel l-istess haga u bil-bukkett f’idu ghadda minn quddiem il-palazz. Il-principessa nizlet u talbitu :” Yan jekk joghgbok aghtini dak il-bukkett.”

Imma Yan tbissmilha u xengel tnejn rasu.

“Min irid dak il-bukkett jehtieg li jghidli, Ghaziz Yan jekk joghgbok aghtini dak il-bukkett.”

Il-principessa ghamlet kif talabha Yan, u Yan tahulha. Poggietu fit-tieqa u r-riha tfuh li harget minnu mliet t-toroq tal-pajjiz, hekk li in-nies kollha gew biex jaraw dawn il-fjuri.

Din il-haga kienet tigri ta’ kuljum u Yan dejjem ikkuntentaha, basta tghidlu “ Jekk joghgbok”

Ghadda xahar minn fuq din il-grazzja u wasal il-jum li fih il-princpijiet jmorru quddiemha biex hi taghzel wiehed. Hija diga kellha c-curkett u maktur ghal dak li taghzel.

Yan wahhal l-mannara fil-ghalqa u n-nghag qaghdu jirghaw madwarha. Mar fil-kastell u ordna lil dawk iz-zewg irgiel tal-kaxxa biex ilibbsuh kif kien jixraq il-grad ta' princep. Gabhulu libsa bajda u tawh ziemel abjad miksi b'mantell minsug bil-hajta tal-fidda.

Wasal fil-kastell u qaghad wara l-princpijiet l-ohra hekk li l-principessa kellha ittawwal ghonqha biex tarah.

Il-princpijiet kollha ghaddew minn quddiemha imma lil ebda wiehed ma tat il-maktur u c-curkett. Yan kien l-ahhar wiehed li sellmilha u hija mmedjatament offrietlu c-curkett u l-maktur.

Imma qabel mar-re seta' jiftah halqu biex ikellmu, Yan rikeb iz-ziemel u gheb.

Filghaxija bhas-soltu Yan ghadda imexxi l-merhla u l-principessa harget biex tiltaqa'mieghu.

"Yan inti kont."

" Kif jista rghaj ikun princep?," wegibha Yan.

Ma kienitx konvinta minn dak li qalilha Yan u qaltlu li fi zmien xahar iehor il-princpijiet kellhom jirritornaw u hija imbaghad tkun taf il-verita' kollha.

Ghal xahar iehor Yan kellu jiehu hsieb in-nghag u jgibilha bukkett tal-fjuri li jatihulha kull darba li tghidlu “Jekk joghgbok.”

Meta wasal ix-xahar iz-zewgt irgiel tal-kaxxa libbsuh libsa hamra u tawh ziemel imlibbes mantel minsug bil-hajta tad-deheb.

Bhal l-ewwel darba Yan qaghad fuq wara nett hekk li l-principessa kellha tgholli ghonqa biex tarah.

Il-princpijiet ghaddew minn quddiemha u lil kull wiehed xejritlhu rasha biex turih li hu ma kienx l-ghazla taghha.

Il-maktur u c-curkett halliethom sakemm Yan sellmilha.

Malli ntemmet ic-ceremonja Yan rikeb iz-ziemel u harab u ghalkemm ir-re baghat is-suldati warajh, irnexxilu jevithom.

Filghaxija Yan ghaddha bil-merhla mit-toroq tal-villagg u malli lemhitu, il-principessa  griet biex tkellmu u qaltlu: “Yan naf li inti kont.”

Yan dahaq u wegibha li qatt rghaj ma jista’ jkun princep.

Ghaldarb’ohra l-principessa qaltlu li ghat-tielet u l-ahhar darba, il-principijiet kellhom jigu fil-palazz u din id-darba kienet ser tkun zgur.

Ghal xahar iehor Yan kellu jiehu hsieb in-nghag u kull filghaxija jgibilha bukkett fjuri li jatihulha kull darba li tinzel tilqghu u  tghidlu “Jekk joghgbok.”

Ghat tielet laqgha l-irgiel tal-kaxxa libsuh l-aktar libsa sabieha kulur iswed u tawh ziemel iswed liebes mantel minsug bil-hajta tad-deheb u imzejjen bid-djamanti. Qaghad bhal qabel l-ahhar filliera u l-principessa refghet il-maktur u c-curkett ghalih meta jasal quddiemha.

Din id-darba meta pprova jahrab il-princpijiet l-ohra dawwruh u qabel ma harab wiehed minnhom ferih f’riglejh.

Yan irritorna lejn il-kastell fil-foresta, libes mill-gdid ta’ rghaj u kebbeb il-ferita fil-maktur li tatu l-principessa. Wara rritorna lejn in-nghag li kienu qed jirghaw. Kiel xi hobz u gobon mill-horga magika u ntefa’ wiccu ‘l fuq jhares lejn ix-xemx. Gietu nghasa helwa u raqad.

Il-principessa ma cedietx u zgiccat mill-palazz u erhitilha lejn l-gholjiet biex tara jekk ir-rghaj kienx qed jiehu hsieb in-nghag tieghu. Hemm quddiemha rat lil Yan rieqed u meta ratu bil-maktur taghha marbut mal-ferita ta’ saqajh, ikkonvinciet ruhha li kien il-princep misterjuz.

Qajmitu u qaltlu: “Issa ma tistghax tmerini li inti princep”

Yan tefa’ harstu lejha u qalilha: “Imma kif nista’ jiena nkun princep?” u dahaq.

“Imma jiena naf li inti princep,” qaltlu l-principessa .” Nitolbok tghidli jekk joghgbok il-verita’ u ma thallinix fil-ghama.”

Hawn Yan ghal kelmiet jekk joghgbok qalilha l-verita’ kollha.

Ferhana ghal ahhar li r-rghaj Yan kien princep haditu ghand missierha fil-palazz. “Missier dan hu l-princep li jien irrid nizzewweg.”

In-nies tal-pajjiz ferhu hafna meta saru jafu li l-principessa kien ser tizzewweg lill-princep ta’ qalbha u dejjem kienu jghidu: “Ghalkemm hi principessa hija dejjem tghidlu jekk joghgbok lil zewgha.”